**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 53 – IL-ĦAMIS 19 TA' AWISSU 2010**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
|---|---|---|
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Kunsillier Joseph Camilleri kien skużat minn qabel milli jattendi għal din il-laqgħa.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1. Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru tnejn u ħamsin (52) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

2.1. Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn is-27 ta' Lulju u t-19 ta' Awissu 2010.

2.2. Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1993/10. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kienet

stiednet lill-Kunsilli biex jipparteċipaw f'din l-Assemblea "Youth in Action" fl-Italia, imma il-postijiet kienu limitati.

2.3. Il-Kunsillier Ronadl Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 2021/10. Residenta minn Triq Geronimo Abos ġibdet l-attenzjoni li quddiemha sfronda t-tarmac wara l-kienet għada kif saret it-triq. Il-Kunsill diġa ħa passi u informa lill-periti tal-Kunsill biex jinvestigaw.

2.4 Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 2022/10. Is-Sindku Anthony Dalli kellu laqgħa mar-rappreżentanti ta' Dallas Bay Baptist Church fejn talbu biex jagħmlu attivita' fi spazju miftuħ fl-Iklin. Is-Sindku għandu jerġa jiltaqgħa magħhom biex jiddisktu din l-attivita' fid-dettall.

2.5 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2034/10. Il-konsulenti tagħna kitbulna bir-rikomandazzjonijiet tagħhom fuq applikazzjoni PC 00033/10. Il-Qasbija, Triq Richard Taylor. Kien hemm talba biex art fi Triq Richard Taylor li kienet dikjarata mill-Mepa għal skopijiet "Edukattivi" tinbidel f'art għal bini Residenzjali.

2.6 Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza nru. 2060/10. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali bagħat 'reminder' lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet jagħlqu fl-aħħar ta' Awissu.

2.7 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2065/10. L-Awtorita' Trasport Malta kitbet fuq l-'isleeping-policeman' li hemm fit-tarf ta' Triq Karm Vassallo.
Il-Kunsill għandu jivverifika li jeżisti l-permess.

2.8 Il-Kunsillier Ronald Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 2093/10. Il-Mepa infurmatna li rċeviet pjanti ġodda fuq il-permess DPA 7570/07. 30, Triq Gwann Mamo dwar "Change of Use".

2.9 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 2154/10. Il-Kumitat tar-Reġjun – Ċentru talab lill-membri tagħha minn kien interessat jifforma parti minn 'working group' fi ħdan l-istess Kumitat tar-Reġjun biex isiru diskussjonijiet mal-Kummissarju tat-tfal.

Doc. A u B anness

**3. ILMENTI.**

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn is-27 ta' Lulju u d-19 ta' Awissu 2010, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilment Nru. 02/08-1 talba biex titnaddaf sew mill-kennies Triq Ċensu Busuttil in-naħa ta' isfel ma' Triq Dun Karm; il-Kunsill diġa ħa passi u kellem lill-kuntrattur.

3.3 Dwar rapporti fuq bozoz Nru. 127969 u 127972, diġa ġiet infurmata l-Enemalta.

3.4 Dwar ilment Nru. 04/08 – 1 fuq il-containers tal-Wembley li qed jipparkjaw quddiem il-bieb u l-garaxx tiegħu; il-Kunsill sejjer jitlob laqgħa mal-Kumpanija biex isib soluzzjoni darba għal dejjem.

3.5 Dwar rapport Nru. 12/08 -1 dwar mera imkissra fi Triq May Butcher. Il-Kunsill sejjer jordna oħra.

3.6 Dwar talba Nru.12/08 -2 biex issir 'sleeping-policeman" fi Triq May Butcher, Il-Kunsill ma laqgħax it-talba.

3.7 Dwar ilment 12/08 - 3 fuq ħafna ħmieġ u ġrieden fi Triq May Butcher. Fuq il-ħmieġ l-Kunsill sejjer jara minn hu s-sid u dwar l-ġrieden diġa infurma lil tas-Sanita'.

3.8 Dwar ilment Nru. 129173 dwar il-ħanut ta' Mr. Fish li qed iħalli kaxxi jintnu tal-ħut fil-parapett. Il-Kunsill diġa informa lill-tas-Sanita' u għamel rapport ukoll.

3.9 Dwar talba Nru. 18/08 – 2 biex jinżabru s-siġar ta' Triq Dun Karm Bypass. Il-Kunsill sejjer javża lil ta' l-ArgiKoltura biex jieħdu passi.

3.10 Dwar ilment Nru. 18/18 – 3 li qed jidħlu karozzi 'one-way' il-fuq ġo Triq May Butcher. Il-Kunsill sejjer jinforma lill-Wardens biex jinvestigaw.

3.11 Rigward ilment 18/18 – 4 li karozza ila pparkjata fl-istess post għal dawn l-aħħar 6 ġimgħat fi Triq Ġużeppi Calleja. Il-Kunsill diġa ħa passi w informa lill-Authorized Officer biex jieħu passi.

4. **ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.**

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' krédituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-krédituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Viċi-Sindku

Yvonne Bartolo u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

4.3 Is-Sur Dalli qara r-Rendikont ta' Jum L-Iklin 2010 li kien ipprepara s-Segretarju.
Il-Kunsill wara li naqqas l-ispejjez mid-dħul, kellu żbilanċ żgħir ta' €115.60.
Il-Kunsill Lokali approva unanimament dan ir-Rendikont.
Doc. E anness.

4.4 Is-Sindku irrefera wkoll għall- ittra u kont ta' €340.00 li rċieva l-Kunsill mingħand resident minn Triq Alfons Maria Galea dwar ħsarat li ġarrab fuq 'id-drainage house connection" meta saret il-bankina u t-triq xi snin ilu. Dan qal li kien għadu sal-lum jidħollu l-ilma fil-basement.
Wara li skopra l-kellu ksur fil-'house- connection' ta' fuq il-bankina bl-għajnuna tad-Dipartiment tas-Sanita'.
Għaldaqstant il-Kunsill ħass li għalkemm għaddew xi snin minn mindu saru x-xogħlijiet, biex itaffilu xi ftit mill-ispejjez sejjer iħallas parti mill-kont sa €140 "***in full & final settlement".***

Kulħadd qabel unanimament.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 Il-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet t- tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 03432/06. Soft Stone Quarry No. 13. Tat-Tabib. Biex jaqleb din il-barriera għall-ħażna fil-miftuħ, tisbieħ ta' l-art ta' madwar' u terġa 'ssir art għall-biedja. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.3 Dwar PA 03423/09. 113, Triq Geronimo Abos. Biex tinbidel it-tinda. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata

5.4 Dwar PA 01462/09. Garage No. 9, Triq Richard Taylor. Applikazzjoni amdendata PA 4601/08, alterazzjonijiet fuq il-garaxx eżistenti. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi annullata (id-deċiżjoni oriġinali tibqa).

5.5 Il-Konsulent tekniku tagħna talab lill-Kunsill biex nagħmlu oġġezzjoni fuq 1. Applikazzjoni Nru. PA 03444/09 u 2. Applikazzjoni Nru. PA 04688/09

## 6. SKEMA DWAR INIZJATTIVI TA' ATTIVITAJIET 2011.

6.1 Is-Sindku Anthony Dalli raġa semma il-Memo 95/2010 fejn il-Kunsill jista' japplika għhal fondi biex jagħmel xi attivitajiet fil-lokalita'.

6.2 Hu kien qed jipproponi żewġ attivitajiet :
1. Il-Festa tal-Milied issir fil-beraħ bħas-sena l-oħra fejn jintrema' Presepju ħaj.
2. Attivita' Kulturali / Mużikali għeluq il-leġislatura ta' dan is-Sitt Kunsill bil-parteċipazzjoni ta' l-Iklin Scouts Group li s-sena d-dieħla jagħlqu 10 snin mit-twaqqif tagħhom.

6.3 Hu talab lil-Kunsilliera li jekk għandhom xi proposta ta' attivita' oħra jgħadduha lill-Kunsill.

## 7. ĦRUĠ TAT-TENDER 2/10 - MANUTENZJONI U KOSTRUZZJONI TA' BANKINI.

7.1 Is-Segretarju ħabbar li dalwaqt kien sejjer jagħlaq it-tender 4/07 kif indikat hawn fuq, fit-23 ta' Settembru 2010.

7.2 Galdaqstant hu talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jibda il-preparamenti ta' dan it-tender u l-ħruġ tiegħu.

7.3 Il-Kunsill qabel unanimament li għandha toħroġ sejħa għall-offerti.

## 8. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.

8.1 Is-Sindku Anthony Dalli ħabbar li l-Kunsill Lokali rċieva e-mail mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali datata t-13 ta' Awissu 2010 fejn ikkonferma li m'għandhux għalfejn isir "Referendum" biex il-Kunsill jissellef fondi għall-bini tal-Uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill minħabba li t-talba saret qabel ma' ddaħħlu l-emendi fil-liġi.

8.2 Is-Sur Dalli bi pjaċir ħabbar li l-Gvern daħħal l-iskema "Pharmacy of Your choice" fil-lokalita' tal-Iklin ukoll u dawk ir-residenti li huma intitolati għal mediċini b'xejn jistgħu japplikaw minnufih f'waħda mill-ispiżeriji ta' l-Iklin.
Hu żied jgħid li l-Kunsill Lokali sejjer joħroġ "Press Release" biex juri l-apprezzament tiegħu billi l-Gvern Ċentrali ħaseb fir-residenti tagħna wkoll.

8.3 Ħabbar ukoll li l-Kunsill Lokali, flimkien ma' rappreżentant tal-Lija/Iklin Football Youth Nursery u l- Iklin Scouts Group, din il-ġimgħa kellhom laqgħa mal-MEUSAC.

Din l-entita' tipprovdi servizz ta' informazzjoni dwar fondi li wieħed jista' jġib mill-Unjoni Ewropeja.
Il-Kunsill jixtieq jaħdem mill-qrib ma' dawn iż-żewġ assoċjazzjonijiet biex isiru attivitajiet kulturali u edukattivi, speċjalment skambju ta' żgħażagħ kemm fil-qasam tal-isports kif ukoll dak marbut mal-iscouts.
Kien issuġġerit mill-MEUSAC li l-Kunsill Lokali qabel għandu jissieħeb ma' Kunsill barrani (Ġemellaġ) għaliex għandu aktar prospetti li jakkwista fondi meta jkun hemm dan l-irbit ma' belt barranija li jkollha l-istess interessi.

8.4 Is-Sindku irrefera għal-Laqgħa ta' Konsultazzjoni li kellu ftit ilu mil-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali fuq "in-National Floor Relief Project" fejn ħareġ Rapport tal-Environment Impact Assessment ta' dan il-proġett li jolqot 9 Kunsilli Lokali.
Is-Sur Dalli, waqt din il-laqgħa, għamel l-intervent tiegħu u qal li ma kienx qed jaqbel mar-rapport li ħareġ għaliex l-Iklin ma' ġiex imqabbad mat-trinek prinċipali fejn dawn jgħaddu viċin ta' Triq Naxxar.
Meta staqsa għaliex Triq il-Wied ma' ġietx mqabbda mat-trinka prinċipali, il-Perit inkarigat qallu li l-ilma ma' jogħlhiex aktar minn 4 pulzieri. Iżda s-Sur Dalli qallu li dan mhux minnu u jista' jikonfermah u li żgur li ma' sarx eżerċizzju tajjeb.
Għaldaqstant il-Kunsill sejjer jitlob laqgħa mas-Segretarju Parlamentari li taħtu jaqa' dan il-proġett fejn juri d-disapprovazzjoni tiegħu u jitlob li ssir investigazzjoni.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Peress li ma' kienx hemm iżjed x'niddiskutu, l-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.45pm u kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 20 ta' Settembru 2010 fil-5.30pm.

9.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn 20 ta' Settembru 2010 fil- 5.30pm.

**Anthony Dalli**
Sindku

**Alfred Naudi**
Segretarju Eżekuttiv.